MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 753/2008

**Investwell Ltd. (C6325)**

***kontra***

**Av. Dr. Henri Mizzi b`digriet tal-14 ta` Jannar 2009 assuma l-atti tal-kawza f`isem is-socjeta` estera "Litasco SA" ta` Rue du Conseil-General 9, 1205 Génève, Svizzera**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-24 ta` Lulju 2008 li jaqra hekk –

*1. Is-socjeta` attrici kkuntattjat lis-socjeta` konvenuta sa mis-sena elfejn u erbgha (2004) u bdiet thajjarha sabiex tibda tipprovdi prodotti taz-zejt u gas lill-Korporazzjoni Enemalta.*

*2. Wara bosta trattattivi, is-socjeta` attrici rnexxielha tikkonvinci lis-socjeta` konvenuta dwar il-prospetti illi jezistu f`Malta u senjatament, fil-provvista ta` prodotti taz-zejt lill-Korporazzjoni Enemalta.*

*3. Illi ghaldaqstant, rapprezentant tas-socjeta` konvenuta, Vasiliy Volkov, zar Malta u s-socjeta` attrici ntroducietu mal-Korporazzjoni Enemalta. Matul din iz-zjara, is-Sur Pisani kellem direttament lill-imsemmi Volkov dwar ir-rappresentanza tas-socjeta` konvenuta mis-socjeta` attrici u l-imsemmi Volkov ta assikurazzjoni illi ma kienx hemm htiega ta` arrangament formali li jiehu hafna zmien sabiex jigi konkluz imma weghdu dritt ta` nofs dollaru ghal kull tunnellata ta` zejt illi s-socjeta` konvenuta jirnexxielha tbigh lill-Korporazzjoni Enemalta.*

*4. Illi, sussegwentement, is-socjeta` konvenuta tefghet offerta ghall-provvista ta` zejt tat-tip "Jet A-1" lill-Korporazzjoni Enemalta ghall-perjodu bejn Jannar u Gunju 2006, liema offerta giet accettata fir-rigward ta` cirka hamsin elf tunnellata. Is-socjeta` konvenuta hallset, wara bosta sollecitazzjonijiet da parti tas-socjeta` attrici, dritt ta` nofs dollaru ghal kull tunnellata kif miftiehem.*

*5. Illi sussegwentement is-socjeta` attrici ghamlet rappresentazzjonijiet mal-Korporazzjoni Enemalta ghan-nom tas-socjeta` konvenuta sabiex din ta` l-ahhar tiehu "roll-over contract" ghall-provvista ta` zejt tat-tip "Jet A-1" lill-istess Korporazzjoni Enemalta kif ukoll ghall-kiri ta` facilitajiet ta` magazinagg ghall-istess tip ta` zejt minghand l-istess Korporazzjoni Enemalta. Fil-fatt, il-*

*Korporazzjoni Enemalta offriet tali facilitajiet lis-socjeta` konvenuta wara l-medjazzjoni tas-socjeta` attrici. Inoltre, is-socjeta` attrici ssottomettiet ukoll diversi offerti f`isem is-socjeta` konvenuta lill-Korporazzjoni Enemalta ghal tipi differenti ta` zejt ("unleaded gasoline") imma dawn l-offerti ma kellhom l-ebda ezitu pozittiv. Ghal dawn is-servigi, is-socjeta` attrici qatt ma rceviet kumpens minghand is-socjeta` konvenuta.*

*6. Illi meta l-kuntratt ghall-provvista ta` zejt tat-tip "Jet A-1" lill-Korporazzjoni Enemalta ghall-perjodu bejn Jannar u Gunju 2006 skada u l-imsemmija Korporazzjoni harget sejha ghall-offerta gdida, minkejja sforzi kontinwi da parti tas-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta qatghet il-kuntatt kollu mas-socjeta` attrici u m`ghadditilhiex l-offerta ghas-sejha l-gdida. Minhabba f`hekk, il-kuntatt bejn il-kontendenti nqata`.*

*7. Sussegwentement, is-socjeta` attrici saret taf illi s-socjeta` konvenuta tefghet offerti direttament lill-Korporazzjoni Enemalta u fil-fatt, rebhet bosta drabi dawn l-offerti sabiex tissupplixxi zejt tat-tip "Jet A-1" lill-Korporazzjoni Enemalta. Is-socjeta` konvenuta qatt ma nfurmat b`dan lis-socjeta` attrici u qed tirrifjuta li thallasha d-dritt pattwit ta` nofs dollaru ghal kull tunnellata ta` zejt taht il-pretest illi tali ftehim kien jghodd biss ghall-ewwel offerta li ntrebhet mis-socjeta` konvenuta u mhux ghall-offerti successivi. Is-socjeta` attrici tichad illi l-ftehim bejn il-partijiet kien limitat ghall-offerta wahda u jidher car illi malli s-socjeta` konvenuta stabiliet il-kuntatti li kienet tehtieg, qalftet `il barra lis-socjeta` konvenuta sabiex tevita l-hlas tad-dritt miftiehem.*

*8. Illi minn Lulju 2006 sad-data tal-lum, il-valur tad-dollaru ddeprezza konsiderevolment kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.*

*Ghaldaqstant tghid is-socjeta` konvenuta ghala din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex in vista tas-suespost :*

*1. Tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta` nofs dollaru ghal kull tunnellata ta` zejt "Jet A-1" illi s-socjeta` konvenuta forniet lill-Korporazzjoni Enemalta minn Lulju 2006 sad-data tal-lum.*

*2. Tillikwida, okkorrendo, bil-hatra ta` komputista, l-ammont hekk dovut u taggusta tali likwidazzjoni sabiex tiehu in konsiderazzjoni d-deprezzament tad-dollaru minn meta l-ammont hekk likwidat kien dovut sad-data tal-hlas effettiv.*

*3. Tillikwida inoltre l-ammonti dovuti mis-socjeta` konvenuta ghal bosta servigi ohra li saru mis-socjeta` attrici fuq inkariku tas-socjeta` konvenuta.*

*4. Tordna lis-socjeta` konvenuta thallas l-ammonti hekk likwidati bl-imghax skond il-ligi mid-data ta` meta tali hlas kien dovut sad-data tal-hlas effettiv.*

*Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-mandat kawtelatorju numru 1002/08 ipprezentat fl-4 ta` Lulju 2008 u l-kontestwali rikors ghall-hatra ta` kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` konvenuta illi tirrisjedi fl-esteru.*

*Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta` attrici.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fis-6 ta` Frar 2009 li taqra hekk –

*Li permezz taghha, Dr. Henri Mizzi jressaq bir-rispett is-segwenti risposti, u bil-gurament tieghu jikkonferma l-fatti esposti hawn isfel. Dr. Mizzi ma jafx il-fatti personalment, imma qed jikkonfermahom bhala fatti li gew komunikati lilu mir-rapprezentanti tas-socjeta` estera.*

***Ir-Risposti***

*1. Il-pretensjoni attrici ghandha tigi michuda u dan stante li ebda ammont mhu dovut billi : fir-rigward ta` l-ewwel talba, ma kien hemm ebda ftehim kif allegat ; fir-rigward tat-tieni talba, din ma ghandha ebda bazi fil-ftehim allegat peress illi ma hemm l-ebda allegazzjoni min-naha tas-socjeta` rikorrenti illi hemm xi obbligazzjoni kuntrattwali tas-socjeta` intimata li tobbligaha taghmel tajjeb ghad-deprezzament tad-dollaru ; fir-rigward tat-tielet talba, mhu dovut l-ebda hlas ghal servigi. Isegwi ghalhekk illi r-raba` talba tas-socjeta` rikorrenti wkoll ghandha wkoll tigi michuda.*

*2. Salv risposti ulterjuri.*

***Il-fatti***

*1. Dwar il-fatti materjali fir-rikors, is-socjeta` intimata tghid is-segwenti :*

*a) Fir-rigward ta` l-ewwel paragrafu tar-rikors promotur, is-socjeta` intimata taqbel mas-socjeta` rikorrenti.*

*b) Is-socjeta` intimata tichad il-fatti kif esposti fit-tieni paragrafu tar-rikors promotur u ssostni illi hi kienet*

*diga` uriet interess fis-suq Malti u kienet giet avvicinata minn broker iehor apparti mis-socjeta` rikorrenti.*

*c) Is-socjeta` intimata ma taqbilx lanqas mal-fatti kif esposti mis-socjeta` rikorrenti fit-tielet paragrafu tar-rikors promotur, u dan ghaliex tali ftehim kif deskritt sar biss ghal tender wiehed li s-socjeta` intimata hadet minghand il-Korporazzjoni Enemalta, liema tender kien jikkonsisti f`konsennja ta` zejt tat-tip Jet A-1 ghall-perjodu bejn Jannar u Gunju 2006.*

*d) Fir-rigward tar-raba` paragrafu tar-rikors promotur, is-socjeta` intimata tikkonferma illi l-offerta giet accettata mill-Korporazzjoni Enemalta u li d-dritt pattwit mis-socjeta` rikorrenti fir-rigward ta` dan l-ewwel tender gie mhallas mis-socjeta` intimata.*

*e) Fir-rigward tal-hames paragrafu tar-rikors promotur, is-socjeta` intimata tikkontesta li hemm xi ammont dovut lis-socjeta` rikorrenti rapprezentanti servigi li saru mis-socjeta` rikorrenti fuq l-inkarigu tas-socjeta` intimata. Il-magazzinagg imsemmi fil-hames paragrafu kien jirrelata ghall-hazna taz-zejt mertu ta` l-ewwel tender li fir-rigward tieghu sar il-hlas dovut lis-socjeta` rikorrenti. Fir-rigward ta` l-allegati offerti li ghamlet is-socjeta` rikorrenti ghal tipi differenti ta` zejt, mhux eskluz li seta` kien hemm tali offerti ; fi kwalunkwe kaz, pero`, dawn ma waslu ghal ebda ezitu posittiv. Tant hu hekk li qabel din il-kawza qatt ma kien hemm talba ghall-hlas f`dan ir-rigward.;*

*f) Fir-rigward tas-sitt paragrafu tar-rikors promotur, is-socjeta` intimata tghid illi l-arrangament ghall-hlas lis-socjeta` rikorrenti kien biss limitat ghall-ewwel tender illi ntrebah u ghaldaqstant wara l-ezekuzzjoni tal-kuntratt ghall-provvista taz-zejt lill-Korporazzjoni Enemalta ghall-perjodu bejn Jannar u Gunju 2006, kull ftehim u obbligu bejnha u bejn is-socjeta` rikorrenti ntemm.*

*g) Fir-rigward tas-seba` paragrafu tar-rikors promotur, is-socjeta` intimata tichad il-pretensjoni ghall-*

*hlas tad-dritt kif deskritt f`dan il-paragrafu u dan ghar-ragunijiet diga` fuq imsemmija.*

*h) Fir-rigward tat-tmien paragrafu tar-rikors promotur, is-socjeta` intimata tghid illi tali deprezzament m`ghandhiex taghmel tajjeb ghalih is-socjeta` intimata u dan ghaliex fl-allegat ftehim, ma hemm l-ebda allegazzjoni da parti tas-socjeta` rikorrenti ta` xi obligazzjoni kuntrattwali tas-socjeta` intimata li tobbligaha thallas ghal tali deprezzament.*

*Ghaldaqstant, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut nomine u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-risposta guramentata.

Semghet ix-xiehda ta` Frank Sammut fl-udjenza tat-2 ta` April 2009.

Semghet ix-xiehda tal-Ing. Alex Tranter, ta` Philip Borg u ta` Anthony Pisani fl-udjenza tas-7 ta` Lulju 2009 u rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda ta` Godfrey Scicluna u ta` Anthony Pisani fl-udjenzi tas-26 ta` Ottubru 2009 u tat-28 ta` Jannar 2010, u rat id-dokument li kienu prezentati fiz-zewg udjenzi.

Semghet ix-xiehda in kontroezami ta` Frank Sammut fl-udjenza tas-27 ta` Ottubru 2010 u rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda in kontroezami ta` Anthony Pisani fl-udjenza tal-25 ta` Jannar 2011.

Semghet ix-xiehda ta` Vasiliy Volkov fl-udjenza tas-7 ta` April 2011.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar mid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-4 ta` Ottubru 2011.

Rat id-digriet taghha moghti f`din l-ahhar udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

**<u>Frank Sammut</u>** xehed illi huwa kellu ftehim ta` konsulenza mas-socjeta` attrici dwar prodotti taz-zejt meta s-socjeta` attrici riedet taghmel negozju relatat maz-zejt u mal-qasam tal-energija. Huwa iqis lilu nnifsu bhala espert f`dan il-qasam. Kien membri ta` bosta kumitati tal-Korporazzjoni Enemalta. Spjega illi kull sitt xhur l-Enemalta tohrog *tenders.* Il-kumpannija attrici kienet registrata bhala wahda mill-*prospective bidders*. Il-kumpannija kellha ssib socjetajiet internazzjonali li jkunu nteressati li jidhlu ghax-xoghol. Il-kumpannija kienet sejra tagixxi bhala *broker.* Il-kumpannija konvenuta Litasco hija t-*trading arm* ta` l-kumpannija taz-zejt Lukoil. Litasco wriet interess li toffri. Litasco kienet avvicinata mis-socjeta` attrici permezz ta` Anthony Pisani. Dan attenda l-konferenza annwali ta` l-*Institute of Petrolium.* U sar appuntament ma` rappresentanti ta` Litasco. Fil-fatt

iltaqa` ma` Volkov u Montefiori bhala rappresentanti ta` Litasco. Ix-xhud kien prezenti ghall-inkontru. Kienu diskussi hafna kwistjonijiet ta` natura teknika fosthom dwar l-*storage.* Matul il-laqgha kien hemm qbil illi *on the first bids,* Litasco kellha tibghat l-offerta taghha lilu u lil Pisani sabiex huma jghadduha lill-Enemalta. Waqt il-laqgha saret enfazi li x-xoghol ma kienx ser ikun minghajr hlas.

Ix-xhud ippreciza illi waqt il-laqgha huwa tkellem ghan-nom tal-kumpannija attrici. L-intiza tieghu kienet illi jghin lil Litasco tidhol fis-suq Malti ma` l-Enemalta. Kienu diskussi l-pitrolju ossija Jet A1 li huwa l-*fuel* tal-ajruplani u l-*fuel oil.* Litasco kienu interessati jaghmlu negozju mal-Enemalta billi riedu jaghmlu negozju iehor dwar *storage*. Ta` dan kollu, il-kumpannija attrici kienet sejra tiehu *commissions* ghal kull tunnellata li tistorja jew tbiegh il-Litasco. Il-*commissions* kienu jvarjaw bejn dollaru u zewg dollari dipendenti kif kien ser jimxi l-bejgh. Jekk il-prezz tal-bejgh ikun tajjeb, il-*commission* kienet se tkun ta` dollaru.

Sammut ikkonferma li saru aktar laqghat ma` rapprezentanti ta` Litasco. Saret laqgha go Ginevra ma` Volkov, Montefiori, Brenali u persuna ohra fejn kien diskuss fid-dettal l-operat ghal Malta. Huwa kien jaf lil Montefiori minn qabel il-laqgha, peress li kien diga` ghamel xoghol mieghu. Wara li ttiehdet l-ewwel *tender*, regghu ltaqghu f`Malta fejn kien diskuss kollox fid-dettal inkluz l-iffirmar ta` *agency agreement.* Il-parti l-ohra kienu qalulhom li *agency agreement* kien ser idum biex jigi iffinalizzat izda huma kienu ser jaghmlu *commitment* ma` l-kumpannija attrici. Huwa apprezza li tassew fejn si tratta ta` kumpanniji kbar ikun difficli li jigi finalizzat ftehim ta` dik ix-xorta fi zmien qasir. Huwa stess qal lil Anthony Pisani biex ma jibqax jinsisti fl-immedjat fuq *agency agreement,* u li jkomplu jaghmlu l-*biddings* u negozju maghhom.

Fisser illi l-ftehim bejn il-kumpanniji kontendenti sar fuq pitrolju biss u kien intalab dollaru ghal kull tunnellata. Bhala hlas tal-konsulenza tieghu, Sammut kien ser jircievi minghand Pisani parti minn dak id-dollaru. Il-ftehim sar bil-fomm. Meta minn Litasco sar diskors fis-sens illi huma kienu sejrin jonoraw il-*commitments* taghhom, Litasco kienu diga` rebhu t-tender tal-Jet A1 fuel. Fl-industrija taz-zejt, il-kelma kienet bizzejjed biex isir ftehim ; huwa stess kien ghamel diversi kuntratti ta` xiri fejn il-kitba kienet issir wara. Huwa nsista li kien hemm qbil li Litasco thallas *commission* lis-socjeta` attrici fuq il-kwantita` ta` prodott li jidhol Malta ghall-Enemalta.

Kompla jixhed illi meta nfethet il-*bid* il-kumitat tal-Enemalta jara l-*preferential bids* u jaghmel *shortlisting.* Liasco kienet *shorlisted.* Ic-Chairman tal-Enemalta fl-2006 jew 2007 kien ikkomunika ma` Anthony Pisani biex ikun jaf min kienu Litasco. Pisani l-ewwel accerta lic-Chairman illi Litasco jonoraw il-*commitments* taghhom u in segwitu ta` informazzjoni dwar Litasco. Ic-Chairman kien sodisfatt u n-negozju sar. Litasco inghatat kuntratt ghal sitt xhur. Litasco rebhet it-tender wara l-intervent tal-kumpannija attrici.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, Frank Sammut xehed illi huwa kellu *retainer* bhala konsulent tas-socjeta` attrici. Kien *chief executive officer* fl-Enemalta u kien ukoll fuq diversi bordijiet tal-Enemalta ghal madwar tmintax-il sena. Kien ukoll *chairman* tal-*bunkering.* Iddeskriva bhala eccellenti r-relazzjoni tieghu mal-Enemalta. Pisani kien il-*link* principali bejn Litasco u l-Enemalta. Mistoqsi jafx jekk Litasco tkellmux ma` *brokers* ohra, Sammut fisser illi *brokers* ohrajn f`Malta jmorru fuq xulxin biex jiehdu l-agenti ta` dak u tal-iehor. Huwa nsista li l-ftehim kien li kull darba li Litasco iddahhal xoghol Malta, hija thallas dollaru lis-socjeta` attrici ghal kull tunnellata li tidhol. Il-ftehim kien ighodd kull meta Litasco tirbah offerta tal-Enemalta kif ukoll meta jkollha *storage* mal-Enemalta. Huwa baqa` jinsisti li l-ftehim kien li d-dollaru jithallas fuq kull tunnellata li Litasco iddahhal go Malta. Huwa cahad illi l-ftehim ma`

Volkov kien jirrelata ghas-sitt xhur tal-ewwel tender. Il-ftehim tal-hlas ta` dollaru ghal kull tunnellata kellu jibqa` fis-sehh sakemm in-negozju jibqa` ghaddej.

Kompla jixhed illi mill-esperjenza tieghu huwa kien jaf kien isiru l-affarijiet. Mistoqsi li kien hemm okkazjoni fejn waqt li kien qed jitkellem ma` Volkov, Pisani kien informa lil Volkov li Sammut kien *persona non grata* fl-Enemalta u li kien juza *unorthodox actions* fil-konfront ta` l-Enemalta, Sammut wiegeb illi huwa qatt ma sema diskors bhal dak. Huwa fisser l-involviment tieghu fir-relazzjoni bejn il-partijiet billi qal illi l-ewwel ma kien involut kien meta saret il-laqgha ta` introduzzjoni go l-Isvizzera, segwit mill-pariri li ta dwar il-mod kif kellu jigi prezentat it-tender, u wara fil-laqgha li saret l-ajruport fejn giet diskussa r-rimunerazzjoni. Wara xi zmien, ma baqax jahdem bhala konsulent ta` Pisani. Huwa baqa` jaghmel xoghol ghall-Enemalta.

Sammut jinsisti illi l-laqgha ma` Litasco fl-*International Petrolium Week* saret fit-tieni gimgha ta` Frar 2006 u saret qabel ma` ntefa` l-ewwel tender. Dik il-laqgha kienet preceduta mil-laqgha li saret l-Isvizzera. Fil-laqgha li saret waqt l-*International Petrolium Week* huwa tkellem ma` Litasco dwar in-negozju in generali. Waqt dik il-laqgha li saret Londra ma kienx ghad intlahaq ftehim dwar il-kummissjoni li kellha tithallas ghall-ewwel offerta. Kienet issemmiet xi tip ta` commission izda mhux commission specifika. Huwa ma kienx prezenti ghal-laqgha li saret Malta bejn Pisani u Litasco. Huwa sostna li l-email address tieghu kien tsb@onvol.net ; ma jiftakarx jekk kienx jircievi kopja ta` l-emails li kienu jigu skambjati bejn Pisani u Litasco. Ikkonferma li Pisani kien talab lil Litasco ftehim ta` esklussivita` ; Litasco kienet infurmatu li dak kien difficli izda kienu ser jipprovaw jirrangaw. Fil-laqgha li saret fl-ajruport, il-figuri dwar il-commissions kienu gew diskussi izda mhux maqbula.

**Anthony Pisani** xehed illi huwa kien iltaqa` ma` rapprezentanti ta` Lukoil li hija l-*mother company* ta` Litasco waqt zjara gewwa Moska fis-sena 2002-2003. Xi sena wara, persuna li kien jaf, certu Brad Heenan, kien infurmah illi Lukoil kienet fethet ufficcju go Ginevra biex jigi gestit minn Litasco. Tramite Heenan, huwa kien introdott ma` nies ta` Litasco sabiex jitkellem maghhom dwar offerti tal-Enemalta. Fl-2006 l-ufficjal responsabbli ta` Litasco mill-qasam tal-*jet fuel* kien Vasiliy Volkov. Min-naha tieghu, huwa avvicina lil Frank Sammut ghall-fini ta` konsulenza dwar il-qasam.

Kompla jixhed illi kien hemm zmien fejn l-Enemalta riedet tixtri 50,000 tunnellata ta` *jet fuel.* Volkov infurmah illi Litasco kienet interessata li toffri l-prodott taghha ghall-bejgh. Volkov kien icempel lilu regolarment dwar it-*tender*. Huwa kien avvicinat mic-Chairman ta` l-Enemalta li staqsieh dwar Litasco u dwar jekk setghux itejbu l-offerta taghhom. Ghalhekk huwa rega` tkellem ma` Volkov u dak accetta. Ic-Chairman tal-Enemalta kellu dubji dwar Litasco izda wara li Pisani ndika kull ma kien jaf dwar Litasco, u wara l-intervent tieghu, l-offerta nghatat lil Litasco.

Spjega illi wara li tkellem ma` Frank Sammut, dan issuggerixxa lil Pisani illi l-konferenza ta` l-*IP week* li kienet se ssir Londra kienet l-ahjar opportunita` biex jiltaqa` ma` Litasco. Wara din il-konferenza, Sammut infurmah li kien iltaqa` ma` rapprezentanti ta` Litasco ; kienet diskussa wkoll il-hazna ta` zjut f`Malta biex jitqassmu fil-Mediterran. Sadanittant Litasco bdiet tibghat konsenji ta` *jet fuel* skond il-kuntratt li nghatat mill-Enemalta. Huwa tkellem ma` Sammut fis-sens illi fil-fehma tieghu biex tissahhah ir-relazzjoni ta` Litasco mal-Enemalta, Litasco kellha tiltaqa` mal-Enemalta. Ix-xhud kellem lic-Chairman ta` l-Enemalta li accetta li jiltaqa` ma` rapprezentanti ta` Litasco. Ipprova jlaqqa` lil dawn mal-Ministru Austin Gatt izda l-inkontru ma sarx billi l-Ministru dak iz-zmien kien indispost. Il-laqgha mal-Enemalta saret fl-14 ta` Marzu 2006. Fil-laqgha kienu diskussi l-facilitajiet

tal-hazna tal-fuel li seta` toffri l-Enemalta. Marru jaraw ukoll diversi facilitajiet fejn issir il-hazna tal-fuel. In segwitu sar inkontru li ghalih kienu prezenti hu u Frank Sammut minn naha wahda u Volkov u Montefiori ghal Litasco min-naha l-ohra. Waqt il-laqgha, ir-rapprezentanti ta` Litasco qalulhom x`riedu minghandhom biex ikomplu jibnu u jsahhu l-pozizzjoni taghhom go Malta. Waqt il-laqgha, huwa talab li jsir kuntratt ta` rapprezentanza ta` Litasco go Malta izda Volkov kien tal-fehma li kuntratt ta` dak it-tip jiehu iz-zmien biex jigi finalizzat. Madanakollu Volkov assikura lil Pisani illi `*you are our people in Malta and we need you as we need someone on the spot*.`

Fisser illi l-konsenji ta` fuel kienu jsiru regolarment. Huwa kien jitkellem ma` Volkov kuljum, mhux biss dwar il-*jet fuel* izda anke sabiex jintlahaq ftehim ma` l-Enemalta dwar *storage space.* Meta kien wasal biex jaghlaq iz-zmien tal-ftehim bejn Litasco u l-Enemalta, Volkov talab lil Pisani biex jintervjeni mal-Enemalta biex testendi l-kuntratt minflok tohrog offerta gdida. Pisani tkellem ma` Pippo Pandolfino, li huwa ufficjal tal-Enemalta, izda dan infurmah li kien difficli hafna li jsir hekk, peress li huwa biss meta jkun hemm anticipazzjoni ta` skarsezza ta` l-prodott li l-kuntratt ta` provvista kien jigi estiz bla ma tohrog offerta. Volkov ma hax pjacir bir-risposta u avza lil Pisani li kien se jkellem hu direttament lil Pandolfino. L-Enemalta harget xorta sejha ghal offerti ghall-provvista ta` *jet fuel*. Minn hemm `il quddiem, ir-relazzjoni tieghu ma` Volkov ma baqghetx tajba tant li lanqas baqa` jirrispondi l-emails. F`okkazjoni minnhom, irnexxielu jaqbad lil Volkov u meta staqsieh dwar l-offerta l-gdida, Volkov qallu li kien qed jahsibha. Pisani kien pront informa lil Volkov li minkejja li ma kienx hemm kuntratt bil-miktub, kien hemm il-kelma tieghu li huwa s-socjeta` attrici kienet ir-rapprezentant ta` Litasco f`Malta.

Pisani kompla jixhed illi fil-gurnata tal-gheluq tas-sejha ta` l-offerti, Volkov kien baqa` ma baghtlux l-offerta. Ipprova jikkomunika ma` Volkov izda kien infurmat li kien qed jivvjaggja lejn Moska. Ftit wara, huwa sar jaf li Litasco

kienet ipprezentat offerta u li t-tender kien inghata lil Litasco. Huwa kien irrabjat u dizappuntat b`dik l-ahbar peress li kulhadd kien jaf li kien hu li ressaq lil Litasco ma` l-Enemalta. Huwa kiteb lil Volkov u talbu jiltaqa` mieghu Ginevra biex jiccaraw l-affarijiet, kif ukoll biex isir il-pagament ghall-*commission* tal-*jet fuel* li kien konsenjat. Volkov wiegbu li huwa seta` jitkellem ma` Pisani bit-telefon, u li kien se jibghatlu l-fattura ghall-*commission.* Fil-fatt il-laqgha ma saritx u biex thallas il-*commission*, kellu jintervjeni l-avukat tieghu. Volkov qatt ma accetta li ssir laqgha sabiex Pisani ma jiltaqax mal-manager il-gdid tieghu. Fil-fatt il-manager ta` Volkov kien inbidel u l-manager il-gdid ma kienx jaf bl-isforz li ghamlet is-socjeta` attrici biex Litasco tibda relazzjoni kummercjali ma` l-Enemalta. Li kieku kellu hjiel tal-pjan ta` Volkov li jwarrab lilu fil-genb, ix-xhud ma kien qatt jinsisti li jlaqqa` lil Volkov ma` rapprezentanti tal-Enemalta ; lanqas ma kien jaccetta hlas ta` kummissjoni ta` US$ 0.50c ghal kull tunnellata fuel konsenjat.

Ighid illi mill-emails li huma esebiti, jirrizulta li huwa kien involut sal-ahhar fir-rigward ta` l-ewwel kuntratt. Fil-bidu l-Ing. Alex Tranter, li kien Chairman tal-Enemalta dak iz-zmien, kien talbu taghrif dwar Litasco ghaliex sa dakinhar ma kienx jaf biha. Waqt id-dskursata li kellu mal-Ing. Tranter, kienu diskussi id-densita` tal-prodott, il-prezz u l-konsenja. Ic-Chairman kien talbu prezz aktar vantaggjuz ghall-Enemalta u *terms of payment* ta` aktar minn tletin (30) gurnata. Wara li Pisani mar lura ghand Volkov u dak accetta, huwa informa lill-Ing. Tranter li kkonferma li l-offerta haditha Litasco. Kif jidher minn Dok AP10, kien wara li Litasco hadet l-ewwel kuntratt illi hu hareg bl-idea li Litasco tiltaqa` mal-Enemalta. U hekk sar. L-Ing Philip Borg ha lir-rappresentanti ta` Litasco go Has-Saptan ; saret laqgha mal-Ing. Tranter u kien hemm zjara fl-MOBC. Skond Pisani, l-email Dok AP11 hija prova li Litasco kienu wrew interess biex jahznu l-prodotti taz-zejt go Malta biex ifornu pajjizi ohra fil-Mediterran. Wara dik iz-zjara, inkitbet ittra lic-Chairman tal-Enemalta sabiex din taghti storage facilities lil Litasco.

Fisser illi huwa kien talab *specimen* tal-kuntratt li l-Enemalta kellha ghal storage go Has-Saptan.  Wara li kiseb dan l-att huwa ghaddieh lil Litasco.  Volkov kien talab emendi ; l-emendi saru wara l-involviment tieghu. Litasco ma kienux hadu l-istorage ma` l-ewwel kuntratt ghax kien hemm kumpanija ohra qabilhom bl-isem ta` Mercuria li kaxkret saqajha biex titlaq.

Fix-xiehda tieghu, Pisani rrefera ghad-dokumenti li pprezenta.  Id-Dok AP16 huwa email li jittratta l-kwistjoni tal-storage u l-estensjoni tal-ewwel kuntratt.  Fiha Volkov kien fisser li-xhud x`kellu jghid lill-Enemalta.  Bid-Dok AP17, huwa nforma lil Volkov bil-kuntatt mal-Enemalta fejn din ma kenitx accettat l-estensjoni tal-kuntratt.  Bid-Dok AP18 huwa avza lil Volkov li kienet harget offerta ohra.  Skond Pisani, Volkov kien qallu li Litasco ma kenitx sejra taghmel offerta.  Harget ukoll offerta ohra ghall-provvista ta` gasoline.  Huwa nforma lil Litasco. Dok AP20 kienet tittratta l-possibilita` li jinbiegh gasoil lil bunkers lokali.  Ir-reazzjoni ta` Volkov kienet fis-sens illi ghalkemm Litasco kienet interessata, kienet qeghda tinsisti fuq il-provvista ta` kwantitajiet kbar.

Ix-xhud ipprezenta wkoll ir-rati ta` kambju mahruga mill-Bank Centrali ta` Malta bejn l-2004 u l-2007, kif ukoll ir-rata tal-kambju mahruga mill-Bank Centrali Ewropew ghas-sena 2008.

Fil-**kontroezami,** Anthony Pisani xehed illi meta pprezenta l-kawza, huwa kien tal-fehma li kien sejjer jithallas US$ 0.50c ghal kull tunnellata konsenjata.  Fil-kaz illi kien se jibqa` involut f`konsenji ohra wara, il-commission kienet sejra tigi riveduta.  Ma kienx hemm qbil dwar kemm kienet sejra tkun il-commission ghal konsenji ohra ta` fuel Jet A1. Ghalih ladarba fuq l-ewwel offerta, kien patwit hlas ta` US$ 0.50c ghal kull tunnellata konsenjata, kien qed jifhem illi Litasco ma kenitx sejra thallas inqas minn US$ 0.50c ghal kull tunnellata fuq il-

konsenji ta` wara, ghalkemm qbil specifiku ma kienx hemm. Il-qbil li kien hemm kien illi s-socjeta` attrici kienet ser tibqa` tahdem kontinwament ma` Litasco. Dan kien evidenti anke mill-korrispondenza skambjata.

Isostni li Volkov kien ikkonferma bil-fomm diversi drabi li Litasco kienet ser tuza lis-socjeta` attrici bhala l-agent esklussiv taghha go Malta – anke qabel l-ewwel offerta. Ftehim bil-miktub baqa` ma sarx. Ix-xhud jinsisti li l-commission ta` US$ 0.50c ghal kull tunnellata li thallset ghall-ewwel offerta ma kenitx sejra tkun limitata ghal dak it-tender biss. Li kieku s-socjeta` attrici ma kenitx l-agent ta` Litasco, huwa ma kienx se jiehu l-briga li jghid lir-rapprezentanti ta` Litasco biex jigu Malta u jintroducihom ma` ufficjali tal-Enemalta. Qabel dak l-inkontru, Litasco kienet diga` uriet lis-socjeta` attrici illi kien ser ikollha relazzjoni esklussiva maghha. Ix-xhud kien mistoqsi ghaliex wara li Litasco ma baqghux jitfghu offerti tramite s-servizz tas-socjeta` attrici fl-emails tieghu qatt ma semma li s-socjeta` attrici kellha tithallas commission ghall-konsenji li jidhlu Malta. It-twegiba tax-xhud kienet fis-sens illi l-hsieb tieghu kien illi jiltaqa` ma` Volkov go Ginevra biex jippruvaw jirrangaw izda Volkov injorah. Sostna li huwa kien pront u ilmenta dwar l-agir ta` Litasco. Ikkonferma illi thallas il-commission ta` l-ewwel offerta wara li kienet inqalghet il-problema tat-tieni tender. Huwa lmenta dwar il-hlas ta` l-ewwel tender biss peress l-ammont kien dovut billi l-kuntratt mal-Enemalta kien ghalaq. Dwar il-konsenji tat-tieni tender ma setax jitlob il-hlas tal-commission billi l-konsenji kienu ghadhom ghaddejjin. Huwa ma kienx baghat ittra b`avukat wara li sab illi t-tieni offerta ma kenitx saret tramite s-socjeta` attrici peress li kien fiducjuz li jintlahaq ftehim.

Ix-xhud sostna li r-relazzjoni tieghu ma` Lukoil bdiet fl-2003. Ikkonferma li kien avvicinat minn Brad Herren meta nfetah l-ufficju ta` Ginevra li qallu li go Malta ma kellhom lil hadd u staqsieh setax ighinhom. Mistoqsi jekk dak kienx ifisser illi Litasco kienu taw *exclusivity agreement,* ix-xhud wiegeb illi bil-fatt illi Litasco qalulu li

go Malta kienu ser jibqghu jahdmu mieghu ghalih kien ifisser li kien hemm *exclusivity agreement*. Din l-esklussivita` bdiet fl-2004. Il-kwistjoni ta` l-istorage kienet parti mir-relazzjoni li kellu ma` Litasco. Sostna illi qatt ma kien gie diskuss x` jigri jekk ikun hemm deprezzament fil-valur tal-US$.

L-**Ing. Alex Tranter** xehed illi huwa kien sar Chairman tal-Enemalta fl-1 ta` Lulju 2005. Fil-bidu tal-2006, l-Enemalta harget sejha ghall-offerti ghax-xiri ta` fuel tat-tip Jet A1. L-Enemalta rceviet offerta minn Litasco. Anthony Pisani beda jimbotta l-bid ta` Litasco. Huwa assuma li Pisani kien r-rapprezentant lokali ta` Litasco. Il-prassi tal-Enemalta hija li titkellem direttament mas-*supplier* u mhux mal-agent lokali. Qabel Litasco hadet l-ewwel offerta fl-2006, huwa ma kellux kuntatt maghha. Mistoqsi jekk kienx hemm thassib dwar Litasco minhabba l-esperjenza passata ta` l-Enemalta ma` fornituri Russi, ix-xhud sostna li ma kien hemm l-ebda preokkupazzjoni jew thassib ; sar kuntratt normali bhalma jsir ma` *supplier* gdid. Spjega li fil-kaz ta` l-ewwel kuntratt li sar ma` Litasco, il-kumpannija ma kenitx indikata fil-list tas-*suppliers* ; huma kellhom biss l-isem ta` Pisani. Huwa assuma li Pisani ghamel l-introduzzjoni ma` Litasco. Meta harget l-offerta ghat-tieni perijodu ta` sitt xhur tas-sena 2006, Litasco ma ghamlet l-ebda offerta. Peress illi Litasco kienet is-supplier fis-sitt xhur precedenti, l-Enemalta ghamlet hi kuntatt maghha direttament. Din uriet interess li tkompli tissupplixxi lill-Enemalta. U ghamlet l-offerta taghha. L-Enemalta tat il-kuntratt lil Litasco. Dak iz-zmien, ir-relazzjoni bejn l-Enemalta u Litasco kienet izjed diretta tant li l-Enemalta poggietha fil-*mailing list* tas-*suppliers* taghha. Ghalhekk is-sejhiet ghal offerti kienu jintbaghtu direttament lil Litasco. Bejn l-2006 u l-ewwel sitt xhur tal-2008, l-Enemalta ghamlet hames kuntratti ta` Litasco. Kien biss fl-ewwel kuntratt li kien hemm l-intervent tas-socjeta` attrici ghaliex fil-kaz tal-erba` kuntratti l-ohra, in-negozju sar direttament ma` Litasco.

Kompla jixhed illi Litasco bdiet tuza l-i*storage facilities* taghha ghal skop ta` *bunkering* fil-Mediterran. Dan l-uzu beda jsir wara li Litasco hadet l-ewwel kuntratt. Ix-xhud ipprezenta dokumenti li juru t-tunellagg ta` Jet A1 fuel supplit minn Litasco lill-Enemalta. Fl-ewwel kuntratt, Litasco kienet tibghat vapur bil-fuel kull xaghrejn. In segwitu bdiet tahzen il-Jet A1 got-tankijiet ta` Has-Saptan u l-Enemalta tiehu l-provvista minn hemm. Peress li Litasco kienet qeghda tiffranka l-ispiza tat-trasport bil-bahar, setghet toffri prezz vantaggjuz. Fejn fid-dokumenti tidher il-frazi *stock transfer* dak ifisser li l-fuel gie bil-vapur waqt li fejn tidher il-frazi *tank transfer* dak ifisser li l-Enemalta tkun hadet il-provvista mit-tankijiet tal-hazna. Sakemm il-fuel ikun ghadu fit-tankijiet, l-ispejjez tal-hazna kienu a kariku ta` Litasco. Il-fuel mahzun fit-tankijiet kien propjeta` ta` Litasco.

**<u>Philip Borg</u>** - *Assistant Manager* fil-*Petrolium Division* tal-Korporazzjoni Enemalta – xehed illi l-ahhar li l-Enemalta xtrat zejt minghand Litasco kien sa April 2008. Parti mix-xoghol tieghu kien illi jipprepara t-tenders ghax-xiri tal-fuels kollha. Ghax-xiri tal-fuel JET A1 harget sejha ghall-offerti. Is-sejha ma tkunx pubblika. Ghandhom lista ta` *oil traders*. Isir kuntatt maghhom biex l-Enemalta tkun taf jekk ikunux interessati jaghmlu offerti ; jekk ikun hemm interess, it-trader li jkun jidhol fil-lista u meta jkun opportun jigi infurmat tramite email li tkun harget sejha ghall-offerti. Fil-lista hemm inkluzi persuni li huma Maltin u barranin. Anthony Pisani (mhux is-socjeta` attrici) kien inkluz fil-lista. Fil-kaz tal-ewwel offerta, l-Enemalta ma kenitx taf b`Litasco. Is-sejha ghall-offerti ntbaghtet lil Pisani. L-Enemalta saret taf b`Litasco tramite Anthony Pisani. Dan ma deherx fuq l-ewwel kuntratt li sar bejn l-Enemalta u Litasco. Wara dak il-kuntratt, l-Enemalta bdiet tibghat direttament is-sejhiet ghall-offerti lil Litasco wkoll, apparti lil Pisani, peress illi l-Enemalta nkludiet lil Litasco fil-lista ta` oil traders.

Kompla jixhed illi Litasco nghatat *bunkering facilities* ukoll. Il-Jet A1 fuel jista` jinhazen go Has-Saptan. L-

ewwel pero` jittiehed B`Bugia fejn isir process ta` *drying* u analizi qabel jaqbad it-triq ghall-ajruport. Il-hazna ta` dak it-tip ta` fuel li tista` ssir B`Bugia hija limitata. Ghalhekk jaqbel ghall-Enemalta illi biex tiffranka spejjez tat-trasport bil-bahar, iggib kwantita` ta` fuel *in bulk* li mbaghad jinhazen go Has-Saptan. Meta jsir xiri *in bulk*, ikun hemm piz fuq il-*cash flow* u ghalhekk fuq l-ewwel kuntratt kien sar ftehim ma` Litasco li l-pagament ikun mifrux fuq tlett xhur. B`effett mit-tieni kuntratt, kien patwit illi l-Enemalta toffri Has-Saptan ghall-hazna u Litasco tintrabat b`kuntratt ta` *supply* ta` fuel kull xahar. Fl-ewwel kuntratt, kien miftiehem li Litasco tissupplixxi 20,000 tunnellata fuel fuq tliet xhur. Fl-ewwel ftehim, ma kienx hemm bunkering. Li jinhazen l-Jet A1 fuel ma kenitx proposta minn Litasco tramite Pisani izda kienet idea ta` l-Enemalta peress li hazna simili kienet diga` ssir fil-kaz tal-gasoil. L-idea ta` Enemalta kienet accettat minn Litasco.

Xehed illi meta l-kuntratt tal-provvista ta` fuel kien ikun wasal biex jaghlaq, il-prassi tal-Enemalta hija li tohrog sejha ghall-offerti. Ghat-tieni tender, Litasco ma pprezentatx offerta. Sar kuntatt ma` Litasco min-naha tal-Enemalta biex issir taf jekk Litasco kenitx taf li kienet harget sejha ghal offerti. Irrizulta li Litasco (tramite Vasiliy Volkov) ma kenitx taf bis-sejha u wriet interess tant li kien negozjat it-tieni kuntratt. Pisani ghal Litasco ma ghamilx kuntatt ma` l-Enemalta dwar it-tieni sejha.

Ikkonferma illi qabel l-ewwel offerta, l-Enemalta ma kenitx taf b`Litasco. Safejn jaf hu, l-Enemalta qatt ma kellha esperjenzi negattivi ma` fornituri Russi.

**<u>Godfrey Scicluna</u>** – kontrollur finanzjarju tal-Enemalta - ipprezenta lista tal-pagamenti li saru, id-data taghhom, u r-rata tal-kambju fid-data tal-hlas. L-ewwel fornitura saret fit-2 ta` Frar 2006 u l-pagament sar fl-24 ta` April 2006. L-ahhar provvista u cioe` dik tal-20 ta` Luilju 2008 thallset fit-18 ta` Awissu 2008. Il-fattura tohrog f`US$ u l-Enemalta thallas f`US$. L-Enemalta

m`ghandhiex rati ta` kambju specjali mal-banek. Meta l-Enemalta tbiegh il-fuel tal-ajruplani, tithallas b`US$. Bl-introjtu thallas ghall-fuel illi tixtri.

Kompla jixhed illi fit-28 ta` April 2008, kienet saret *spot purchase* u mhux *purchase* skond il-kuntratt. Ir-rata tal-kambju ghal dak il-*purchase* kienet precizament dik indikata fil-lista esebita. Meta l-Enemalta tara li l-kambju jkun favorevoli, tixtri aktar US$ ghax hekk ikun jaqbel. Gieli sar *forward buying* b`rata favorevoli ghax hekk kien ikun jaqbel. Meta jsir hekk, l-Enemalta tiffissa r-rata mal-bank minn fejn tkun ser thallas.

Sostna illi ma saru l-ebda hlasijiet ohra lil Litasco ghal *bunkering*. L-uniku hlas li sar kien ghal *fuel* biss. Litasco kienet tikri *storage* minghand l-Enemalta. Jista` jkun illi meta sar il-ftehim, kien hemm qbil illi sakemm il-prodott jibqa` mahzun, Litasco tikri *storage* minghand l-Enemalta u kull xahar tbiegh l-ammont li jkun gie miftiehem skond il-kuntratt mill-fuel mahzun. L-Enemalta dejjem ittrattat ma` Litasco. Din hallset lill-Enemalta ghas-servizzi ta` *storage.*

Ix-xhud ipprezenta dokumenti dwar il-facilitajiet ta` magazinagg tal-Enemalta li Litasco utilizzat. Ipprezenta *statement* tal-ftehim li saru dwar kiri ghal magazinagg b`informazzjoni dwar l-invoices mahruga u l-pagamenti li saru. Ipprezenta dettalji dwar il-moviment fiziku tal-prodott kif dahal u hareg fil-perijodu li l-prodott kien mahzun fl-impjanti tal-Enemalta. Ghas-servizz ta` magazinagg, Litasco hallset rata specifika lill-Enemalta. Kien hemm rata ta` US$ 2.70c ghal kull tunnellata. Billi l-volum mahzun kien fiss, ir-rata tal-hlas lill-Enemalta kienet ta` US$ 67,500 fix-xahar. Ippreciza li l-Enemalta kienet tikri l-ispazju u mhux kemm fuel hemm fit-tank. Il-hlas kien isir skond il-kapacita tat-tank moltiplikat bi US$ 2.70c. Dwar Dok GS, ikkonferma li l-granet kienu miktubin skond il-format Amerikan. Qal ukoll illi fejn tnizzlet id-data tat-23

ta` Jannar 2007 huwa zbaljat ghaliex is-sena kienet 2008 mhux 2007.

**<u>Vasiliy Volkov</u>** xehed illi huwa kien ilu sitt snin jahdem ma` Litasco li topera mill-Isvizzera. Litasco hija kumpanija sussidjarja ta` Lukoil li hija wahda mill-akbar kumpanniji taz-zejt fid-dinja. Lukoil ghandha disa` raffineriji. Ghandha ufficcji go Dubai, l-Istati Uniti u Singapore. Litasco kienet ilha topera ghal madwar 15-il sena. Sostna li Litasco tqis lil Malta bhala strategika hafna minhabba l-pozizzjoni taghha fil-Mediterran u tintuza hafna ghal *storage facilities*. Litasco ilha prezenti f`Malta mill-2004.

Xehed illi Anthony Pisani kellu kuntatti ma` persuni li jahdmu ma` Litasco. Wiehed minnhom kien infurmah illi Pisani kien ghamel kuntatt dwar offerta li kienet harget l-Enemalta ghall-provvista ta` *jet fuel*. Sar ftehim ma` Pisani fis-sens li huwa kellu jiehu hsieb li jipprezenta l-offerta taghhom u kwalunkwe dokumenti ohra li kienu necessarji. L-inkariku ta` Pisani kien illi jiffacilita l-process fis-sens li jekk ikun hemm bzonn li ssir xi haga, jiehu hsiebha Pisani minghajr ma jkun hemm ghalfejn jigu Malta rappresentanti ta` Litasco fl-Isvizzera. Il-ftehim verbali ma` Pisani kien illi jithallas US$ 0.50c *per metric ton* konsenjat. Il-ftehim kien ighodd ghall-ewwel offerta biss u cioe` ghall-provvista ta` *jet fuel* bejn Jannar u Gunju 2006 billi huma kienu ser joperaw fuq *case by case scenario*. Huwa ha dik id-decizjoni ghaliex hu ma kienx jaf lil Pisani u ried ghalhekk jara jekk l-assistenza ta` Pisani kenitx sejra tkun utili.tieghu tkunx utli. Pisani thallas ghall-assistenza tieghu f`dik l-ewwel offerta.

Qal illi l-policy tal-Enemalta hija li tittratta direttament mas-suppliers. Infatti Litasco bdiet tikkomunika hi direttament mac-Chairman ta` l-Enemalta. Wara li Litasco hadet l-ewwel offerta, Pisani hareg bl-idea li jipprova jinnegozja mal-Enemalta halli ma tinharigx offerta ohra imma l-kuntratt jigi estiz. Pisani kellu ideat ohra dwar il-

*fuel oil.* Ix-xhud tkellem ma` Marco Montefiori li jahdem fid-dipartiment tal-*fuel oil* ta` Litasco. Saret laqgha Londra ma` Frank Sammut waqt l-IP week u kien mistieden jigi Malta sabiex jara progetti li kellhom Pisani u Sammut. Dan kollu sehh wara li kienet gia` nghatat l-ewwel offerta.

Dwar l-ewwel tender, fisser illi din kien fiha zewg opzjonijiet : jew li jkun hemm fornitura kbira f`daqqa jew fornitura fi kwantitatjiet izghar. Biex issir konsenja ta` kwantitatjiet zghar ma kienx ekonomikament vijabbli sakemm ma jkunx hemm *storage facilities* go Malta stess. Wara sar jaf b`kumpannija li kienet qed tuza l-facilitajiet ta` hazna li kellha l-Enemalta ghalkemm ma kenitx tforni lill-Enemalta bi fuel. Tkellem ma` Pisani sabiex jiddiskutu ma` l-Enemalta dwar l-uzu tal-facilitajiet ta` hazna ghax kien jaqbel ghal kulhadd. L-Enemalta kienet ghamlitha cara li malli s-*supplier* ma jibqax jipprovdilha l-fuel, kien jieqaf l-uzu da parti tieghu tal-facilitajiet. Il-ftehim dwar il-hazna kellu jkun separat minn dak tal-konsenja ta` l-*jet fuel*.

Xehed illi huwa wasal Malta fix-xahar ta` Marzu 2007. Iltaqa` ma` Pisani u ma` ufficjali ta` l-Enemalta. Mieghu gie wkoll Marco Montefiori. Pisani ntroducja lil Frank Sammut bhala l-partner tieghu. Sammut kellu konnessjonijiet kbar ma` l-Enemalta, izda meta wasal biex issir il-laqgha ma` l-ufficjali tal-Enemalta, Sammut ma kienx prezenti. Huwa staqsa ghala Sammut ma kienx prezenti ghall-inkontru u kien infurmat illi kellu xi kwistjoni ma` l-Enemalta dwar impjieg li kellu maghha. Waqt il-laqgha, l-Enemalta kienet cara illi riedet tittratta mas-suppliers direttament. Kien mistoqsi kif Pisani kien qed jattendi ghal dik il-laqgha, u huwa wiegeb li kien prezenti peress li kien involut fl-ewwel offerta u dik iz-zjara kienet relatata ma` dik l-offerta. Waqt il-laqgha kien diskuss l-andament ta` l-ewwel offerta. Sa dak l-istadju, Litasco ma kenitx taf jekk kenitx sejra tibqa` tuza s-servizz ta` Pisani ghal tenders ohra fil-futur.

Kompla jghid illi l-esitu tal-laqgha kien posittiv hafna tant li kienu qed jahsbu li jiddiskutu ma` Lukoil sabiex jinvestu f`Malta. Pisani insista maghhom li kellu hafna konoxxenzi f`Malta u li kien dispost ighinhom jekk jiddeciedu li jsir dak l-investiment. Kien f`dan l-istadju li qamet il-kwistjoni sabiex tigi ufficjalizzata r-relazzjoni bejn Litasco u Pisani u jigi trattat il-hlas ta` commission. Pisani ried li jigi firmat kuntratt fejn huwa jsir agent taghhom f`Malta. Huwa qal lil Pisani illi biex Litasco tqabbad agent kien jirrikjedi hafna xoghol peress li l-persuna koncernata tkun trid tirbah il-fiducja kompleta tal-kumpannija. Bil-hatra ta` agent, il-kumpannija tkun qed tiehu riskju. Huwa qal lil Pisani li f`dak l-istadju kien ghadu wisq prematur li tigi diskussa l-hatra ta` agent. L-esklussivita` ma kenitx opzjoni. Mistoqsi mill-Qorti jekk Pisani kienx talab li jsir semplici agent jew agent esklussiv, Volkov sostna li Pisani xtaq li jinhatar bhala agent esklussiv ta` Litasco go Malta.

Qal illi wara l-laqgha dwar l-ewwel tender, kienet diskussa mal-Enemalta l-possibilita` ta` storage facilities biex il-kuntratt ta` provvista jkun jista` jigi esegwit b`aktar efficjenza. Qal lil Pisani biex jara jekk il-kuntratt setax jigi estiz, peress li hu stess sar jaf illi din kienet possibbilita`. Pisani qal li tkellem ma` l-Enemalta izda ma kienx irnexxielu jikseb estenzjoni. Dik l-ahbar kienet dizappunt kbir ghal Litasco peress li huma kienu qed jistennew li Pisani jirnexxielu jasal wara kull ma kien qalilhom.

Zied ighid illi normalment kienet tithallas *brokerage fee* ta` US$ 0.25c ghal kull tunnellata. Il-ftehim ma` Pisani kien ta` US$ 0.50c kull tunnellata minhabba minhabba l-weghdiet li kien ghamel Pisani li pero` effettivament ma kienx wettaq. Fl-istess perijodu, Sammut u Pisani ma kienx irnexxielhom jghinu lil Litasco fid-dipartiment tal-fuel oil. Min-naha tieghu, huwa ma kienx kuntent bis-servizz u anke okkazjonijiet fejn sab problemi biex jitkellem ma` Pisani. Litasco ittrattat ukoll ma` Power Plant, kumpannija ohra f`Malta izda n-negozjati ma wasslu ghal imkien. Kien

ghalhekk illi Litasco bdiet tinnegozja direttament ma` l-Enemalta.

Spjega illi huwa tkellem bit-telefon ma` Pisani fejn infurmah li ghat-tieni offerta Litasco kienet sejra tittratta hi direttament mal-Enemalta. Qallu li ma kienx kuntent bis-servizzi tieghu peress li jekk tassew Pisani kien espert, kien messu kien jaf li l-Enemalta kellha li kuntratt ma jigix estiz hlief ghal ragunijiet eccezzjonali jew ta` emergenza. Qallu wkoll li ma kienx kuntent bis-servizzi tieghu in relazzjoni ma` l-ewwel tender u li ghalhekk ma kienx ser juza s-servizzi tieghu ghal tenders ohra. In segwitu Pisani baqa` jipproponi opportunitajiet ta` negozju. Min-naha taghha, Litasco ma qatghetx barra. Pisani baghat email dwar gas oil. Litasco qieset il-proposta pero` n-negozju ma sarx. L-ewwel darba li sema` li Pisani kien qed jippretendi hlas ta` US$ 0.50c ghal kull tunnellata ta` jet fuel konsenjat f`Malta kien mill-avukat xi sena u nofs wara t-tieni offerta.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, Volkov spjega li huwa cempel lil Pisani meta sar jaf bil-pretensjoni ta` Pisani li jithallas ghal kull tunnellata fuel li tidhol Malta. Waqt dak il-kuntatt, kien rega` sostna ma` Pisani illi s-servizzi tieghu kienu limitati ghall-ewwel tender biss u kien inaccettabbli li kien qed jippretendi hlas ghal offerti ohra ta` wara. Ir-relazzjoni ma` Pisani ntemmet wara l-ahhar konsenja tal-ewwel offerta. Kien normali li wara l-ewwel offerta, issir laqgha mal-klijent ossija ma` l-Enemalta. F`dik il-laqgha, kien diskuss l-andament ta` l-ewwel offerta. Ma kienx diskuss negozju futur peress li l-Enemalta ma kellhiex policy li kuntratt jigi estiz. Kien Pisani li organizza l-laqgha. Huma accettaw li jhallsu lil Pisani US$ 0.50c ghal kull tunnellata minflok ir-rata normali ta` US $0.25c peress li nghata l-impressjoni b`li kien qal Pisani li kien se jkun hemm htiega ta` ghajnuna minn persuni lokali billi l-ufficjali ta` l-Enemalta ma tantx kellhom esperjenza tas-suq internazzjonali. Meta zmien wara Pisani kien offra servizzi fil-kamp tal-gasoil, huwa kien offrut US$ 0.25c ghal kull tunnellata fil-kaz illi n-negozju jirnexxi.

Xehed illi Pisani baghat email b`riassunt tat-tieni tender li kienet harget l-Enemalta ghall-provvista ta` jet fuel u ghal gasoline. Qabel din it-tender, Litasco kienet diga` infurmat lil Pisani li ma kenitx tehtieg is-servizzi tieghu. Pisani kkomunika t-tieni offerta fl-ahhar gurnata tas-sejha ghall-offerti. Ikkonferma li kien parti min-negozju li jibqghu jistennew sa l-ahhar gurnata qabel jaghmlu l-offerta. Litasco m`ghadhiex tissupplixxi lill-Enemalta ghaliex in-negozju ma kienx baqa` ekonomikament vijabbli. Litasco qatt ma rnexxielha testendi kuntratt esistenti. Minkejja li ma sar xejn bil-miktub, huwa serrah mohh Pisani li kien ser jithallas il-commission miftehma fil-kaz tal-ewwel tender.jkollha xi kuntratt taghha estiz. Cahad li qatt intqal kliem fis-sens li Pisani kien "ir-ragel" ta` Litasco go Malta jew li Pisani kien l-agent esklussiv taghhom go Malta. L-esklussivita` qatt ma kienet opzjoni.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Risultanzi</u>**

**1) <u>L-ewwel talba</u>**

Is-socjeta` attrici qeghda titlob dikjarazzjoni mill-Qorti illi s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` konvenuta nofs dollaru Amerikan ghal kull tunnellata zejt Jet A-1 li s-socjeta` konvenuta forniet lill-Korporazzjoni Enemalta bejn Lulju 2006 u Lulju 2008.

Din it-talba titlaq mill-pretensjoni taghha illi bejn iz-zewg socjetajiet kien hemm ftehim ta` agenzija fejn kien miftiehem li s-socjeta` konvenuta teffettwa dak il-hlas.

Fl-**Art 70A tal-Kap 13**, "*agent tal-kummerc*" huwa mfisser bhala –

"*persuna li ma jkunx impjegat mal-principal, li jkollu awtorità kontinwa li jinnegozja l-bejgh jew ix-xiri ta` oggetti jew servizzi ghan-nom ta` xi persuna ohra (il-principal), jew li jinnegozja u jikkonkludi l-bejgh jew ix-xiri ta` oggetti jew servizzi bhal dawk ghal u f`isem dak il-principal, imma ma tinkludix :*

*(i) persuna li, fil-kapacità taghha bhala ufficjal ta` kumpannija jew assocjazzjoni, jkollha s-setgha taghmel rabtiet li jkunu jorbtu lil dik il-kumpannija jew assocjazzjoni ;*

*(ii) socju li jkun b`mod legittimu awtorizzat jaghmel rabtiet li jkunu jorbtu lis-socji tieghu ;*

*(iii) persuna li tagixxi bhala prattikant fl-insolvenza f`Malta jew f`posizzjoni ekwivalenti f`xi gurisdizzjoni ohra"*

L-**Art 71(1) tal-Kap 13** jesigi li kull persuna li trid taghmilha ta` agent tal-kummerc, kemm wahedha kemm f`socjetà ma` haddiehor, trid tinnotifika lill-awtorità regolatorja billi titlob li tigi registrata fi zmien tletin gurnata minn meta tibda din l-attività.

L-**Art 71(2) tal-Kap 13** jistabilixxi illi sabiex jigi registrat mill-awtorità regolatorja bhala agent tal-kummerc, l-applikant irid jissottometti bil-miktub applikazzjoni fil-forma li l-awtorità regolatorja tistabbilixxi, illi jkun fiha l-isem shih u l-kunjom, l-età, l-indirizz privat u kummercjali ta` min japplika u dawk il-partikolaritajiet l-ohra dwar il-kummerc jew okkupazzjoni tieghu, li l-awtorità regolatorja tista` titlob. Fil-kaz ta` persuna li titlob li tigi registrata bhala agent tal-kummerc f`socjetà ma` ohrajn, fit-talba tkun trid issir riferenza ghad-dikjarazzjoni pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern skont l-Att dwar il-Kumpanniji, li turi d-data tar-registrazzjoni tas-socjetà u d-data li fiha jkun inhareg ic-certifikat tar-registrazzjoni.

Fil-*lecture notes* tieghu dwar id-dritt kummercjali, il-Professur Joseph A. Micallef ighid illi ftehim ta` agenzija jista` jsir kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub. Il-forma skritta tkun rekwizit *ad validitatem - where the law requires an act to be expressed in writing.* F`dak il-kaz l-awtorita` konferita tkun trid tinghata bil-miktub.

Fis-sentenza taghha tat-18 ta` Gunju 1954 fil-kawza "**Cauchi noe vs Debono noe**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*"Issa, hu car li, biex l-attur nomine jirnexxi fl-istanza tieghu, jehtieg li hu juri li gie nominat mid-ditta konvenuta biex jirraprezentaha bhala agent taghha f`Malta. Mhux bizzejjed li hu kien jaghmel xi operazzjonijiet maghha li fihom jkun esplika l-funzjoni ta` agent. Infatti –*

*(1) L-art 82 fuq citat jibda biex jghid "Where the agency conferred by the firm ..." Dawn il-kliem jimpurtaw, bla dubju ta` xejn, il-koncett li d-dar ta` barra tkun mhux biss accettat xi ordinazzjonijiet li jkun ittrasmettielha bhala agent fl-operazzjoni, imma li tkun innominatu bhala agent taghha ;*

*(2) Jista` jaghti facilment il-kaz li persuna tibghat ordinazzjonijiet ta` klijent taghha lid-ditta ta` barra u li ghalhekk tkun qeghda tagixxi f`dawk l-operazzjonijiet bhala agent, vwoldieri tkun qeghda tesplika l-funzjoni intermedjatrici ta` agent, bla ma tkun b`daqshekk agent tad-dar ta` barra ;*

*(3) Hi haga komuni fil-prattika merkantili u del resto logika, li dar ta` barra ma taqbadx tinnomina agent taghha mill-ewwel, imma li tittratta affarijiet ma` diversi biex tkun tista` tara ma` min aktarx irnexxilha l-agenzija taghha l-ahjar. Ghalhekk in-nomina ta` l-agent ma tistax tinstab f`dawn il-preliminari.*

*Meta jinghad li t-tali huwa agent ta` dar ta` barra dan hu fis-sens li taghti d-definizzjoni stess tal-ligi fl-artikolu 74 idem fejn jinghad illi " ... A mercantile or a commission agent is a person permanently and personally employed by one or more firms abroad to promote their business in these Islands and to transmit orders for acceptance." Fit-test Taljan il-kliem kienu (Art 75 Att XXX ta` l-1927) : "E` agente di commercio chi e` incaricato stabilmente e personalmente da una o piu` ditte estere ... " Il-kelma `stabilmente` (`permanently`) ghandu jkollha s-sinjifikat taghha. Jghid il-Professur Ramella (Cod. Comm. Comm. Bolaffio e Vivante, Vol VI, p 402) : "Che l` incarico per ragion di tempo sia stabile, ne` gia` riferito ad una occasionale trattazione, poiche` le leggi in prevalenza si riferiscono a rapporti di permanente durata, continuativi, che l` attivita` dell` agente e` rivolta alla trattazione di molteplici affari che nell` ordine di tempo si susseguono e concorrono a sviluppare l` azienda del commerciante per cui opera e con cui e` legato con contratto permanente, stabile, per tutto il complesso degli affari dell` azienda, ne` gia` per singole operazioni, anche se taluna, per l` importanza sua, possa richiedere per la sua esecuzione una certa durata." Meta kiteb il-Prof Ramella kien hemm fl-Italja l-Kodici tal-1882, li ma kienx fih disposizzjonijiet `ad hoc` dwar l-agenti kummercjali. Ghalhekk il-Professur Ramella uza l-frazi*
*`poiche` le leggi in prevalenza` u fin-nota `in calce` relativa semma xi kodicijiet esteri u semma wkoll l-Art 70 tal-Progett tal-Kodici il-gdid tal-Vivante. Il-legislatur Malti rritjena l-kelma `stabilimente` ghax probabilment irrispekkja ruhu fuq il-Progett tal-Vivante tal-1925, kif jidher mid-dibattitu parlamentari. Infatti, meta l-Ministru tal-Gustizzja ntroduca l-ligi fit-tornata tat-22 ta` Frar 1926, u semma d-diversi fonti, hu inkluda anki l-Progett tal-Vivante (Parl. Debates Vol 12, Sess 1924-27. Fifth Part p. 5155). Kozikke` l-komment tar-Ramella huwa appozitu ghal-ligi taghna, ghaliex din ghandha precizament ir-rekwizit li semma hu ta` l-istabilita`.*

*Minn dan jigi li biex l-attur nomine jista` jissoda l-istanza tieghu, jehtieg li jipprova mhux biss li ghamel operazzjonijiet mid-dar ta` barra, li fihom esplika l-operat*

*ta` agent, imma li hu `gie kostitwit agent taghha ghal Malta` ghax l-artikolu li fuqu hija bazata l-istanza jghid appuntu `Where the agency conferred by the firm ...”*

Il-Qorti tal-Appell irrevokat is-sentenza tal-Ewwel Qorti ghax sabet illi l-attur noe ma kienx jikkwalifika bhala agent tal-kumpannija estera. Il-Qorti qalet hekk –

*“ ... il-Qorti hija tal-fehma li l-attur nomine, ghalkemm ghamel operazzjonijiet mad-dar li fihom kellu figura ta` agent, eppure ma giex mid-dar nominat agent taghha.*

*Dan ma jfissirx li ghal din in-nomina hemm bzonn bilfors ta` xi kuntratt formal i; imma jehtieg li almenu mill-korrispondenza jirrizulta mhux biss il-konkluzjoni ta` xi operazzjonijiet maghmula mill-attur bhala agent fl-operazzjoni li tkun qeghda ssir, imma jehtieg li jkun hemm xi haga li wiehed minnha jista` jiddezumi li d-dar ikkonferiet l-agenzija lilu ; dak li fil-kaz prezenti ma hemmx ;*

*Hu veru li f`xi dokumenti, imsemmija fis-sentenza appellata, id-dar irriferiet ghall-attur bhala agent imma dawk il-kliem ifissru biss li f`dawk in-negozji l-attur kien qed jagixxi fil-kwalita` ta` agent, izda ma jistghux bl-ebda mod jigu estizi li jfissru li d-dar ikkonferietlu l-agenzija taghha stabiliment ;*

*... Bniedem jista` jaghmel operazzjonijiet ma` dar ta` barra bla ma jkun agent taghha, u ntant f`dawn l-operazzjonijiet jiehu l-parti ta` agent, ghax ikun intermedjarju bejn il-klijent li jaghmel l-ordni u d-ditta li lilha jigi trasmess l-ordni ; u bniedem jista` min-naha l-ohra, jaghmel operazzjonijiet bhala agent mad-dar ta` barra u jkun fil-fatt gie nominat bhala agent taghha. Il-kaz ta` l-attur kien dak ta` l-ewwel u ma lahaqx wasal ghat-tieni stadju.”*

Fil-kaz tal-lum, is-socjeta` attrici bbazat ruhha fuq il-pretensjoni illi meta Vasiliy Volkov qua rapprezentant ta`

Litasco afferma ma` Anthony Pisani kliem fis-sens illi "*you are our man in Malta"* dak implicitament kien ifisser illi bil-fomm huwa kien inhatar bhala agent go Malta ta` Litasco mhux biss ghall-ewwel
tender tal-Enemalta izda ghan-negozju kollu ta` wara li Litasco kien se jkollha mal-Enemalta. Is-socjeta` attrici ssostni l-pretensjoni taghha bix-xiehda ta` Frank Sammut li kkonferma li kien inghad dak il-kliem u li l-procedura sabiex il-ftehim ta` agenzija fil-qasam taz-zejt jsir bil-miktub kienet tiehu zmien fit-tul. Volkov isostni illi l-kliem li nghad kien b`riferenza ghall-hlas ta` servizzi relatati mal-ewwel offerta ghall-provvista ta` jet fuel oil lill-Enemalta. Volkov kien car meta sostna illi Litasco kellha *policy* illi sakemm isir xi tip ta` ftehim fejn tahtar agent, riedet taghmel l-accertamenti taghha illi setghet tafda ghal kollox lill-agent prospettiv. Fil-kaz ta` Anthony Pisani, kienet prematura anke l-possibilita` li jinhatar hu bhala agent in vista tal-fatt illi r-relazzjoni ta` bejniethom kienet ghadha fil-bidu taghha u ma kienx il-kaz li mal-ewwel kuntatt kienet sejra tahtar agent go Malta – imbaghad agent esklussiv kif Pisani qieghed jippretendi illi kien.

Il-Qorti mhijiex tikkondividi l-fehma tas-socjeta` attrici illi s-sens ta` l-kliem li nghad iwassal ghal ftehim implicitu ta` agenzija, jew addirittura ta` agenzija esklussiva, kif pretiz mis-socjeta` attrici. U tikkondividi l-posizzjoni tal-kumpannija konvenuta illi fl-istadju tal-ewwel kuntratt mal-Enemalta jew fl-ambitu ta` kull ma kien relatat ma` dak l-ewwel kuntratt, Litasco kienet accettat lil Investwell (tramite Pisani) bhala r-rapprezentant taghha go Malta. Is-servizz li Investwell tat lil Litasco kien ghadu fil-bidu u kien limitat ghall-ewwel kuntratt – kif huwa evidenti mill-assjem tal-provi li ghalihom diga` saret riferenza. Huwa improbabbli ferm illi sa mill-ewwel kuntratt Litasco kienet sejra taccetta – minghajr il-prova taz-zmien – lil Investwell bhala agent taghha ghall-kuntratti li setghet wara tikkonkludi mal-Enemalta. L-assjem tal-provi b`ebda mod ma juri li hekk kien se jkun il-kaz b`effett mill-ewwel kuntratt.

Jirrizulta li wara li Litasco hadet l-ewwel kuntratt ghall-fornitura ta` fuel Jet A-1 lill-Enemalta, Investwell organizzat laqgha bejn rappresentanti tal-Enemalta u ta` Litasco. Baqghet tikkorrispondi bl-email ma` Litasco. Din il-Qorti hija tal-fehma illi b`dak li Investwell kienet qeghda taghmel fil-fatt kien li kienet qeghda tirsisti biex tirbah kemm tista` l-fiducja shiha ta` Litasco fl-eventwalita` li tinhatar l-agent taghha – forsi anke esklussiv. Il-Qorti taghmel riferenza ghall-emails skambjati wara l-ewwel kuntratt. Tant Anthony Pisani ghal Investwell kien konsapevoli li ma kienx ghadu nhatar agent li kiteb hekk (ara fol 122) - "*In this respect, we expect Litasco to reciprocate this mutual understanding that anything which goes through Malta we are involved and informed*." Li kieku Investwell kienet diga` agent ta` Litasco, ma kienx jinkiteb hekk. Fl-email tieghu (ara fol 121), Volkov ma wiegeb xejn dwar l-aspettativa li kellha Investwell. U n-nuqqas ta` twegiba ghal dak il-kwesit ma jistax jitqies bhala assens ghall-finijiet u effetti tal-ligi.

Il-Qorti tinnota illi wara li Litasco hadet it-tieni kuntratt, is-socjeta` attrici kompliet tikkorrispondi ma` Litasco dwar materji ohra, fosthom dwar jekk Litasco kenitx interessata tuza s-servizzi taghha biex titfa` offerta ghall-provvista ta` gasoil. Tinnota izda illi fl-ebda hin ma saret il-prova (emails jew korrispondenza ohra) li permezz taghha jirrizulta li s-socjeta` attrici insistiet li tithallas dak li allegatament kien dovut lilha ghall-konsenji relatati mat-tieni kuntratt u dawk li gew wara. Li kieku s-socjeta` attrici kienet tassew l-agent tas-socjeta` konvenuta kienet taghmilha cara fil-pront illi kienet qeghda tippretendi hlas ghal dak li gie wara l-ewwel kuntratt, mhux tibqa` passiva ghal xhur shah, u ddum ma tiehu azzjoni.

Din il-Qorti tirriafferma l-principju illi fil-kamp civili, ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet li jinghataw, imma jekk dawk l-ispjegazzjonijiet ikunux tassew verosimili tenut kont tac-cirkostanzi zvarjati tal-hajja. Il-kejl tal-provi li gudikant irid

jaghmel fil-kamp civili ghandu jkun il-bilanc ta` probabilitajiet. Abbazi ta` dak il-kriterju, jasal il-gudikant ghac-certezza morali li fuqha jrid jizen id-decizjoni tieghu (ara : **PA/JRM** – "**Chef Choice Limited vs Galea**" – 26 ta` Settembru 2013 ; **PA/PS** – "**Ciantar vs Curmi noe**" – 28 ta` April 2003 ; **Appell Civili** – "**Camilleri vs Borg**" – 17 ta` Marzu 2003 ; **Appell Civili** – "**Vassallo vs Pace**" – 5 ta` Marzu 1986 ; u **Appell Kummercjali** – "**Zammit vs Petrococchino**" – 25 ta` Frar 1952). Il-Qorti hija tal-fehma illi fil-kaz tal-lum il-preponderanza tal-prova meqjusa fuq bilanc ta` probabilitajiet ma twassalhiex ghall-konvinciment morali li Litasco hatret lil Investment bhala l-agent esklussiv taghha sa mill-ewwel kuntratt li Litasco ghamlet mal-Enemalta.

L-argumenti li gabet is-socjeta` attrici fin-nota ta` osservazzjonijiet taghha bil-ghan illi timmina l-kredibilita` tax-xiehda ta` Vasiliy Volkov huma, fil-fehma ta` din il-Qorti, irrelevanti u infondati. Li wiehed joqghod jinsisti ghaliex kien hemm diskrepanza fis-sens li skond ix-xiehda tal-ufficjali tal-Enemalta irrizulta li Volkov kien infurmahom li ma kienx jaf bit-tieni sejha ghal offerti u dana meta fil-fatt, is-socjeta` attrici pprezentat email kontenenti l-informazzjoni dwar tali tieni offerta, hija ghal kollox bla bazi. Volkov ikkonferma li kienet strategija tan-negozju li jhalli lill-Enemalta li ccempel hi u tistaqsi dwar ir-raguni ghalfejn ma kenitx saret offerta ghat-tieni kuntratt. Li kieku kellha l-Qorti toqghod tqieghed taht lenti ta` ingrandiment kull xiehda li nghatat kien jirrizulta bic-car, bhala ezempju, illi assolutament ma hemmx qbil bejn il-fatti kif irrakkontahom Anthony Pisani u l-fatti kif sehhew skond Frank Sammut. Ir-resokont tal-grajjiet kif moghtija minn Sammut paragunata ma` dik ta` Pisani kien diskondanti anke fuq materji ta` sostanza bhall-kwistjoni tar-rata li Investwell kellha tithallas minghand Litasco. Meta tevalwa x-xiehda bl-affidavit ta` Anthony Pisani, ix-xiehda tieghu in kontroezami, u tqabbel dawn ma` dak li nkiteb fir-rikors guramentat u mat-talba hekk kif migbura fin-nota ta` sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici, il-Qorti ma tistax ma tikkummentax li l-verzjoni tvarja fuq is-sostanza kemm-il darba, bhal meta f`nifs wiehed kien sostnut li l-ftehim ta` agenzija gie kostitwit bil-frazi li allegatament qal Volkov `*you are our man in Malta*` u in segwitu kien

addirittura pretiz illi l-“ftehim” ta` esklussivita` twieled sahansitra qabel inghad dak il-kliem u qabel Volkov dahal fl-istorja. Din il-Qorti assolutament ma taqbilx li s-socjeta` attrici ressqet provi sodisfacjenti sal-grad rikjest mil-ligi li bejn il-partijiet kien hemm fis-sehh ftehim li permezz tieghu Investwell kienet inhatret bhala agent ta` Litasco. Lanqas ma gabet il-prova illi mxiet mad-disposizzjonijiet fuq citati mill-Kodici tal-Kummerc biex issostni l-pretensjoni taghha ta` agenzija.

Il-Qorti lanqas ma taqbel li kien hemm ftehim prestabbilit dwar hlas ghal kull tunnellata zejt li kienet se tidhol Malta.. Il-ftehim ta` hlas *semmai* kien sar fir-rigward ta` l-ewwel fornitura, hekk kif daltronde kien konfermat kemm minn Volkov kif ukoll minn Pisani.. Kien Pisani stess illi in kontroezami wasal biex sostna li fuq il-konsenji ta` wara l-ewwel kuntratt, il-prezz li kellu jithallas kellu jkun iktar. Jew kien hemm ftehim dwar rati jew ma kienx hemm. L-assjem tal-provi juri li ma kienx hemm..

Il-Qorti qeghda twarrab ghal kollox kwalunkwe argumentazzjoni li saret mill-kumpannija attrici fejn talbet iktar mis-somma ta` US$ 0.50c. Il-Qorti ghandha tiddeciedi l-kawza fuq il-premessi, il-kawzali u t-talbiet kif jirrizulta fir-rikors guramentat, u fuq xejn izjed (ara **Appell Civili** – “**Farrell vs Kummissarju dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud**” – 24 ta` Gunju 2011). Is-sostanza tal-azzjoni ma tistax tinbidel nofs triq. It-talba kienet formulata fuq allegat ftehim ta` hlas ta` US$ 0.50cu ghal kull tunnellata. Minn imkien ma` rrizulta li kien hemm xi ftehim li ghall-konsenji ta` wara l-ewwel kuntratt kien patwit hlas iehor jew addirrittura hlas li kien jaqbez dik ir-rata ta` US$ 0.50c. Ma hemmx prova tal-ftehim u lanqas hekk irrizulta li kien il-kaz, is-socjeta` attrici m`ghandha l-ebda dritt tavvanza l-pretensjoni kif tinsab dedotta fl-ewwel talba.

**Il-Qorti qeghda tichad l-ewwel talba.**

**2) It-tieni talba**

It-tieni talba hija relatata u konsegwenzjali ghall-ewwel talba.

**Il-Qorti qeghda tichad it-tieni talba wkoll.**

**3) It-tielet talba**

Is-socjeta` attrici talbet ukoll il-likwidazzjoni ta` servigi ohra li pprestat lis-socjeta` konvenuta.

Il-pozizzjoni li hadet is-socjeta` konvenuta f`dan ir-rigward kienet fis-sens illi ladarba l-azzjoni tas-socjeta` attrici skattat abbazi ta` allegat kuntratt jew ftehim bejn il-partijiet, ma tistax legalment tagixxi ghall-hlas ta` servigi li fin-natura taghhom jidderivaw minn relazzjoni kwazi-kontrattwali.

Apparti li s-socjeta` konvenuta ma ressqet l-ebda eccezzjoni formali, il-Qorti qeghda tifhem li s-socjeta` attrici qeghda titlob il-hlas ta` servigi ghal prestazzjonijiet li ma kienux koperti bil-ftehim li tallega li kien hemm bejn il-partijiet.

Il-Qorti ssostni ghal darb`ohra l-fehma taghha illi bejn il-partijiet ma kien hemm l-ebda ftehim ta` agenzija, u li l-hlas li sar lil Investwell ta` US$ 0.50c ghal kull tunnellata Jet A-1 fuel li Litasco baghtet lill-Enemalta kien ristrett u limitat ghall-ewwel kuntratt ta` povvista ta` fuel bejn Litasco u l-Enemalta.

Ghalhekk il-Qorti tara li hemm lok li tigi trattata t-tielet talba tas-socjeta` attrici biex fil-kaz li jirrizulta li

tassew ipprestat servigi li ma kienux jirrigwardaw l-ewwel kuntratt tghid hemmx lok ghal-likwidazzjoni u eventwali hlas ta` kumpens.

Fin-nota ta` sottomissjonijiet taghha, is-socjeta` attrici tghid illi hija qeghda tippretendi hlas ghall-isforzi li ghamlet biex is-socjeta` konvenuta tiehu `*roll-over*` ta` l-ewwel kuntratt tal-provvista ta` Jet A-1 fuel u qeghda tippretendi hlas ghall-isforzi li ghamlet biex is-socjeta` konvenuta tikri minghand l-Enemalta facilitajiet ta` hazna ta` zejt ghall-iskop ta` *bunkering.*

Ghar-rigward tal-ewwel pretensjoni, il-Qorti hija tal-fehma illi ma kienx hemm `*roll-over*` ta` l-ewwel kuntratt konsegwenti ghall-intervent tas-socjeta` attrici. Kull ma sar kien kuntatt fejn l-Enemalta qeghdet il-posizzjoni taghha cara illi `*roll-over*` ma setax isir – apparti li l-eventwali *roll over* kienet direttament konnessa ma` l-ewwel kuntratt. Ghalhekk fic-cirkostanzi ma hemmx lok ghal-likwidazzjoni ta` servigi f`dan il-kuntest.

Ghar-rigward tat-tieni pretensjoni, il-Qorti fliet l-emails li kienu skambjati bejn il-partijiet. Kuntrarjament ghal dak illi sostna r-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta, l-isforzi tal-kumpannija attrici mertu ta` din il-pretensjoni ma kienux relatati mal-attwazzjoni tal-ewwel kuntratt. Jirrizulta li l-facilitajiet ghall-hazna kienu qed jigu utilizzati minn haddiehor, u ghalhekk ma setax ikun hemm rabta bejn l-uzu ta` dawk il-facilitajiet u l-attwazzjoni ta` l-ewwel offerta. Fl-email a fol 121 jinghad illi malli kien ser ikun hemm l-opportunita`, is-socjeta` attrici kienet sejra tinforma lil Litasco biex jibdew negozjati ma` l-Enemalta dwar il-kiri tal-facilitajiet ta` hazna. Ghalhekk il-Qorti mhijiex tikkondividi l-posizzjoni tal-kumpannija konvenuta illi l-isforzi tal-kumpannija attrici kienu accessorji, relatati jew konnessi mal-ewwel kuntratt. Il-Qorti hija tal-fehma illi l-kumpannija attrici kienet qeghda tirsisti biex twassal lill-kumpannija konvenuta halli tikseb magazinagg ghall-prodotti taghha anke sabiex twitti ahjar l-istrategija taghha

li finalment tkun l-agent esklussiv go Malta tal-kumpannija konvenuta.

Dwar l-entita` tal-prestazzjoni tal-kumpannija attrici f`dan l-ambitu, il-Qorti tghid illi l-isforzi tal-kumpannija attrici kienu limitati. L-otteniment minn Litasco ta` facilitajiet ta` hazna ghal skop ta` *bunkering* sehh xhur wara li l-kumpannija attrici ma kenitx ghadha f`relazzjoni tajba mal-kumpannija konvenuta, u wara li Litasco kienet hadet it-tieni kuntratt minghajr l- involviment ta` Investwell. Skond l-emails jirrizulta li kull ma sar minn Investwell kien kuntatt ma` l-Enemalta sabiex waqt iz-zjara li rappresentanti ta` Litasco kienu sejrin jaghmlu Malta jzuru wkoll il-facilitajiet ta` hazna tal-Enemalta, kif ukoll li kien ser jinzamm kuntatt ma` l-Enemalta meta jkun opportun li jsiru negozjati dwar magazinagg. Ma kenitx esebita xi email li turi li s-socjeta` attrici informat lil Litasco li kien wasal il-waqt propizju biex jinbdew diskussjonijiet ghal negozjati dwar ftehim ta` storage jew bunkering facilities.

In vista ta` dan kollu, il-Qorti, wara li qieset l-ghamla ta` servizz li tat Investwell, u l-kwanitatjiet ta` prodott li kienu mahzuna (ara Dok GS1), qeghda tillikwida *arbitrio boni viri* kumpens ghal servigi mis-socjeta` attrici fil-kwistjoni tal-kiri ta` facilitajiet ta` *bunkering* fl-ammont arrotondat ta` **<u>€6,000</u>** (ekwivalenti ghal US$ 8,526.45), kumpens kalkolat bir-rata ta` 1% fuq il-figura ta` US$ 852,644.92c li Litasco hallset lill-Enemalta.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Tilqa` dik il-parti tal-ewwel eccezzjoni fejn tittratta l-ewwel u t-tieni talbiet.**

**Tichad dik il-parti tal-ewwel eccezzjoni fejn tittratta t-tielet talba.**

**Tichad limitatament dik il-parti tal-ewwel eccezzjoni fejn tittratta r-raba` talba.**

**Tichad l-ewwel u t-tieni talbiet.**

**Tilqa` t-tielet talba. Tillikwida s-somma ta` sitt elef Ewro (€6,000) bhala hlas ghal servigi li l-kumpannija attrici pprestat lill-kumpannija konvenuta.**

**Tilqa` r-raba` talba limitatament fejn din tirrigwarda l-hlas ghal servigi. Ghalhekk qeghda tordna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` sitt elef Ewro (€6,000) ghal servigi lilha resi, bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 223(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------